



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

*Brussell, 31.8.2020
C(2020) 6023 final*

Sur President,

Il-Kummissjoni tixtieq tiringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni tagħha dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa") {COM (2020) 405 final}.

Il-Kummissjoni tapprezza li l-Kamra tad-Deputati ddeċidiet li tanalizza din il-proposta u tilqa' l-konklużjoni tagħha li din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-proposta "l-UE għas-Saħħa" tirrispetta l-qasam ta' responsabbiltà tal-Istati Membri, inkluż ir-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politiki tas-saħħa tagħhom, u se tikkomplementa l-politiki nazzjonali skont l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi tiffinanzja azzjonijiet ta' appoġġ b'valur għall-UE kollha.

Fil-21 ta' Lulju, il-Kunsill Ewropew laħaq qbil dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur u l-Pjan ta' Rkupru, li se jkollhom rwol importanti fis-sostenn ta' dawk l-azzjonijiet.

Il-Kummissjoni hija fiduċjuża li l-programm "l-UE għas-Saħħa" se jinvolvi lill-Istati Membri lil hinn mill-implimentazzjoni tal-programm u se jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni kollha kemm hi u tas-sistemi tas-saħħa fl-Istati Membri biex ikunu jifilħu aktar għall-kriżijiet tas-saħħa fil-futur.

*Dott. Emanuel MALLIA
President tal-Kumitat Permanenti
dwar l-Affarjiet Barranin u Ewropej
Kamra tad-Deputati
Il-Palazz
MT – VALLETTA VLT 1115*

*Dott. Anġlu FARRUGIA
President tal-
Kamra tad-Deputati
Il-Palazz
MT – VALLETTA VLT 1115*

Il-Kummissjoni temmen li d-djalogu politiku mal-Parlamenti nazzjonali huwa essenzjali biex jgħaqqad l-Istituzzjonijiet u ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, u tistenna bil-ħerqa li tkompli dan id-djalogu mal-Kamra tad-Deputati fil-futur.

Dejjem tiegħek,

*Stella Kyriakides
Membru tal-Kummissjoni*

*Maroš Šefcovič
Viċi President*

